

Talbiet għal informazzjoni speċifika

Kaċċa

1. **Alternattivi għaċ-ċomb għall-armi tar-rimm:** Kif indikat fir-rapport tal-Anness XV, hemm informazzjoni kontradittorja dwar il-preċiżjoni tal-munizzjon ħieles miċ-ċomb għall-armi tar-rimm (bħal .17 HMR, .22 LR, eċċ.) għall-kaċċa. F'xi studji, il-munizzjon mingħajr ċomb għal dawn l-armi huwa ddikjarat li huwa preċiż biżżejjed filwaqt li fi studji oħra huwa kkontestat. Jekk jogħġbok ipprovi informazzjoni dwar il-preċiżjoni ta' munizzjon mingħajr ċomb għal dawn l-armi fil-forma ta' testijiet, rapporti fuq il-post, jew simili, kif ukoll informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' alternattivi mingħajr ċomb għal dan it-tip ta' munizzjon fil-futur.
2. **Alternattivi għaċ-ċomb għal ċerti tipi ta' kaċċa:** Ir-rapport tal-Anness XV jindika li l-adeqwatezza tal-munizzjon mingħajr ċomb għall-kaċċa ta' animalali żgħar b'balal sħaħ tal-metall u għall-ġestjoni tal-popolazzjoni tal-foki (fejn dan ikun permess) għandha tiġi esplorata aktar fil-konsultazzjoni.
 - a. **Għall-kaċċa ta' animalali żgħar bil-balal sħaħ tal-metall** (eż. il-kaċċa tal-għasafar Nordiċi), jekk jogħġbok ipprovi informazzjoni dwar (i) jekk, u f'liema ċirkostanzi, l-użu ta' balal sħaħ tal-metall huwiex permess fiż-ŻEE u (ii) jekk alternattivi mingħajr ċomb humiex disponibbli u l-prestazzjoni/adeqwatezza teknika tagħhom għal dan it-tip ta' kaċċa.
 - b. **Għall-ġestjoni tal-popolazzjoni tal-foki**, jekk jogħġbok ipprovi informazzjoni li tgħin lill-Kumitat tal-ECHA jifhmu aħjar f'kemm pajjiżi taż-ŻEE dan iseħħ u jekk humiex disponibbli alternattivi mingħajr ċomb u l-prestazzjoni teknika/adeqwatezza tagħhom għal din it-tip ta' kaċċa.
3. **Distinzjoni bejn kalibri kbar u żgħar:** Il-limitu attwali bejn kalibri kbar u żgħar (5.6 mm) huwa bbażat fuq limitu għall-kaċċa taċ-ċerv żgħir li jinstab fil-leġiżlazzjoni dwar il-kaċċa fl-Ewropa kollha. L-iżgħar alternattivi ttestjati huma fil-medda ta' kalibru ta' .222 u .223 (5.55 mm). Il-limitu propost bejn kalibri żgħar u kbar jirrifletti b'mod adegwat id-differenzi fl-adeqwatezza u d-disponibbiltà tal-alternattivi?

Sparar sportiv

4. **L-użu ta' kampijiet/żoni tal-isparar għal skopijiet agrikoli:**
 - a. Jekk jogħġbok ipprovi informazzjoni dwar l-użu ta' kampijiet/żoni tal-isparar għal skopijiet agrikoli, inkluża l-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' jew ta' prodotti ortikulturali għall-konsum mill-bniedem jew mill-animali u attivitajiet oħra tal-biedja (eż. trobbija tal-baqar u tat-tjur matul perjodi meta ma jkunx prattikat l-isparar). Jekk possibbli, jekk jogħġbok ipprovi informazzjoni kwantitattiva, bħan-numru ta' kampijiet u żoni tal-isparar (użati jew b'mod permanenti jew temporanju) f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek (b'enfasi fuq iż-ŻEE) li jintużaw għal finijiet agrikoli.
 - b. Il-leġiżlazzjoni attwali f'pajjiżek tillimita l-konċentrazzjoni taċ-ċomb fil-ħamrija użata għal skopijiet agrikoli?
5. **Miżuri biex jillimitaw ir-rilaxxi fl-ambjent fil-kampijiet tan-nases u/jew tal-isparar:**
 - a. X'numru u proporzjon tal-kampijiet tan-nases u/jew tal-isparar (f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek jew fiż-ŻEE) għandhom miżuri fis-seħħ li jippermettu l-irkupru regolari (tal-anqas darba fis-sena) ta' aktar minn 90 % tal-kalat taċ-ċomb eżawrit? Kemm-il nassa individwali u/jew siti tal-isparar huma normalment disponibbli f'tali kamp? Jekk jogħġbok ikkjarifika kif l-istimi tan-numru ta' kampijiet u siti ġew derivati u pprovi evidenza ta' sostenn.
 - b. Jekk jogħġbok ipprovi informazzjoni dwar it-tipi ta' miżuri li jintużaw biex

- tintlaħaq din ir-rata ta' rkupru u informazzjoni dwar l-ispejjeż ta' dawn il-miżuri (jekk jogħġbok ipprovdni dettalji minn każijiet ta' eżempju).
- c. Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar il-miżuri meħtieġa għall-konteniment taċ-ċomb fil-prikkuni u l-monitoraġġ u, fejn meħtieġ, it-trattament tal-ilma tal-wiċċ (tax-xeba') – inkluża informazzjoni dwar it-tip u l-ispiża ta' tali miżuri (ukoll fir-rigward tal-għadd ta' siti koperti).
6. **Miżuri biex jillimitaw ir-rilaxxi fl-ambjent fil-kampijiet tal-azzarini/pistoli fuq barra:**
- a. X'numru u proporzjon ta' kampijiet tal-azzarini/pistoli fuq barra (li jkopru l-linji kollha ta' sparar) f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek jew fiż-ŻEE għandhom nases tal-balal f'pothom? Jekk jogħġbok ikkjarifika kif ġiet idderivata din l-istima u pprovdni evidenza ta' sostenn. Hemm miżuri minbarra n-nases tal-balal implimentati biex jillimitaw ir-rilaxxi fl-ambjent?
 - b. Jekk ma jintużawx nases tal-balal, liema miżuri oħra huma fis-seħħ biex jillimitaw ir-rilaxxi taċ-ċomb fl-ambjent?
7. **Miżuri biex jiġi limitat l-esponiment ta' min jispara:**
- a. Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri li huma implimentati fil-kampijiet ta' sparar fuq barra sabiex jiġi limitat l-esponiment għaċ-ċomb ta' min jispara.
 - b. Hemm xi rakkomandazzjonijiet dwar il-monitoraġġ taċ-ċomb fid-demmi ta' min jispara bħala sports jew kwalunkwe *data* dwar l-esponiment għaċ-ċomb ta' min jispara bħala sports f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek?
8. **Rimedjazzjoni tal-kampijiet/żoni tal-isparar:**
- a. Ir-rimedjazzjoni tal-kampijiet u ż-żoni tal-isparar fi tmiem il-ħajja hija prevista mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek (b'enfasi fuq iż-ŻEE)?
 - b. Jekk dan huwa previst, min hu responsabbli mill-finanzjament u t-twettiq tar-rimedjazzjoni?
 - c. Kif inhuma ġestiti r-riskji fi tmiem il-ħajja jekk ma sseħħ l-ebda rimedjazzjoni (meta jitqies li l-ilma tax-xeba' jista' wkoll jikkontamina l-art, l-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ barra mill-perimetru tas-sit)?
9. **Sostituzzjoni ta' munizzjon taċ-ċomb fi sparar sportiv fuq barra:**
- a. Għall-**prikkuni**, hemm inizjattivi (fl-Ewropa jew f'postijiet oħra) biex l-użu tal-munizzjon taċ-ċomb jiġi gradwalment eliminat fl-isparar sportiv internazzjonali? X'ikun perjodu ta' żmien raġonevoli biex tittieħed deċiżjoni dwar din il-kwistjoni u biex dan jiġi implimentat fil-kompetizzjonijiet internazzjonali għall-isparar sportiv?
 - b. Għall-**balal**, ir-rapport tal-Anness XV jiddeskrivi l-limitazzjonijiet fid-disponibbiltà u l-adekwatezza ta' alternattivi mingħajr ċomb minħabba r-rekwiżiti ta' preċiżjoni fl-isparar sportiv. Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni fil-forma ta' testijiet, rapporti fuq il-post, jew simili, kif ukoll informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' alternattivi għal dan it-tip ta' munizzjon fil-futur.

Sajd

10. **L-ikkastjar fid-dar tal-piżijiet taċ-ċomb għas-sajd u lixkiet:** Is-Sottomittent tad-Dossier jassumi li l-ikkastjar fid-dar huwa attività popolari fost is-sajjieda. Barra minn hekk, huwa preżunt li jekk restrizzjoni tkun applikata biss għat-tqegħid fis-suq iżda mhux għall-użu ta' tagħmir taċ-ċomb għas-sajd, l-ikkastjar fid-dar isir aktar popolari. Jekk jogħġbok ipprovdni kwalunkwe informazzjoni ta' sostenn li tippermetti lill-Kumitat tal-ECHA jevalwaw dawn is-suppożizzjonijiet, bħall-informazzjoni dwar il-proporzjon ta' sajjieda li jagħmlu l-piżijiet taċ-ċomb għas-sajd u l-lixkiet tagħhom stess jew informazzjoni dwar il-proporzjon tal-piżijiet taċ-ċomb għas-sajd u l-lixkiet ikkastjati

fid-dar meta mqabbla ma' dawk mixtrija.

11. **Alternattivi għaċ-ċomb fit-tagħmir tas-sajd:** Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni u evidenza ta' sostenn dwar id-disponibbiltà ta' alternattivi mingħajr ċomb għat-tipi differenti ta' tagħmir taċ-ċomb għas-sajd (jiġifieri piżijiet taċ-ċomb u lixkiet ≤ 50 g u > 50 g, kif ukoll wajers taċ-ċomb). Jekk ma teżisti l-ebda alternattiva, jekk jogħġbok spjega fuq liema analiżi hija bbażata din il-konklużjoni.

Kwistjonijiet orizzontali

12. **L-impatti tar-restrizzjoni proposta:** Ir-rapport tal-Anness XV jipproponi limitu ta' konċentrazzjoni ta' 1 % w/w għat-tqegħid fis-suq u l-użu, kif ukoll perjodi ta' tranżizzjoni differenti għal tipi differenti ta' kaċċa (pratkuni /balal ta' kalibru żgħir /balal ta' kalibru kbir), sparrar sportiv (pratkuni / balal) u tagħmir għas-sajd (wajers taċ-ċomb u "piżijiet tar-rilaxx intenzjonat" / piżijiet taċ-ċomb u lixkiet ≤ 50 g / piżijiet taċ-ċomb u lixkiet > 50 g). Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar l-impatti tar-restrizzjoni proposta (spejjeż u benefiċċji għas-soċjetà, inklużi l-industrija u l-SMEs) u kkunsidra kif dawn l-impatti jistgħu jvarjaw skont il-limitu tal-konċentrazzjoni u t-tul ta' żmien tal-perjodi ta' tranżizzjoni proposti. Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XVI għal REACH għal ħarsa ġenerali tal-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt.
13. **Monitoraġġ tal-esponiment ambjentali:** Jekk jogħġbok ipprovdni informazzjoni dwar kwalunkwe organizzazzjoni fl-Ewropa li timmonitorja b'mod regolari l-impatti relatati mal-esponiment tal-annimali selvaġġi għall-munizzjon taċ-ċomb u tagħmir taċ-ċomb għas-sajd.
14. **Taħriġ militari volontarju:** Ir-rapport tal-Anness XV jiddeskrivi l-prattika ta' "taħriġ militari volontarju" li huwa rrappurtat li jseħħ f'xi pajjiżi taż-ŻEE. Jekk jogħġbok ipprovdni aktar informazzjoni dwar din il-prattika inkluża ġustifikazzjoni għaliex huwa meħtieġ munizzjon taċ-ċomb u għaliex deroga speċifika għal din l-attività hija meħtieġa lil hinn mill-ambitu u d-derogi proposti eżistenti.